

Il-Ġurnal Uffiċjali C 39 A

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 64

4 ta' Frar 2021

Werrej

V Avviżi

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)

2021/C 39 A/01

Avviż ta' kompetizzjoni ġenerali — EPSO/AD/389/21 — Amministraturi (AD 6) fil-qasam tal-agrikoltura sostenibbli u żvilupp rurali

1

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-UFFIĊĠJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI
TAL-PERSUNAL (EPSO)

AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONI ĠENERALI

EPSO/AD/389/21 — AMMINISTRATTORI (AD 6) FIL-QASAM TAL- AGRIKOLTURA SOSTENIBBLI
U ŻVILUPP RURALI

(2021/C 39 A/01)

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni: Id-9 ta' Marzu 2021 f'12:00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza kompetizzjoni ġenerali, ibbażata fuq kwalifiki u testijiet, sabiex tinholq lista ta' riserva li minnhom il-Kummissjoni Ewropea tkun tista' tirrekluta membri ġodda tas-servizz pubbliku bħala **"amministratturi"** (grupp ta' funzjoni AD).

Il-kandidati magħżula li jiġu reklutati minn din il-kompetizzjoni se jaħdmu bħala uffiċjali tal-politika fil-qasam tal-agrikoltura sostenibbli u l-iżvilupp rurali u se jiġu reklutati prinċipalment mid-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (minn hawn 'il quddiem id-DĠ AGRI) fi Brussell (il-Belġju).

Dan l-avviż ta' kompetizzjoni u l-annessi tiegħu jiffurmaw il-qafas legali vinkolanti għal din il-proċedura tas-selezzjoni.

Ara l-ANNESS III tar-regoli ġenerali li jirregolaw il-kompetizzjonijiet ġenerali.

L-għadd mixtieq ta' kandidati magħżula: **55**

Matul il-proċedura kollha tas-selezzjoni, int tkun mistieden tagħmel diversi testijiet kif indikat f'dan l-avviż ta' kompetizzjoni. L-EPSO se jiżgura li l-kundizzjonijiet li taħthom tagħmel dawn it-testijiet ikunu konformi mar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti mill-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika rilevanti (Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u Kontroll tal-Mard/awtoritajiet oħra internazzjonali/Ewropej u nazzjonali).

LIEMA KOMPITI GĦANDI NISTENNA LI NAGĦMEL?

Bħala uffiċjal ta' politika li jaħdem fil-qasam tal-agrikoltura sostenibbli u l-iżvilupp rurali fid-DĠ AGRI tal-Kummissjoni Ewropea, se tkun mistenni li:

- tiżviluppa politiki u leġislazzjoni ġdida,
- timplimenta u tamministra l-leġislazzjoni eżistenti,
- tiġġestixxi l-programmi,
- twettaq analiżi ekonomika u tipprovdi perspettivi ta' politika,
- tinneogħja u/jew timmonitorja ftehimiet kummerċjali,
- tikkontribwixxi għal attivitajiet ta' evalwazzjoni dwar il-prestazzjoni u l-valur miżjud tal-UE ta' miżuri taħt ir-responsabbiltà tad-DĠ AGRI, u

- tirrappreżenta lid-DĠ AGRI fi gruppi ta' ħidma tal-Kummissjoni, kunitati tal-UE, istituzzjonijiet tal-UE, organizzazzjonijiet u fora internazzjonali.

Ara l-ANNESS I għal aktar informazzjoni dwar il-kompiti tipiċi li għandhom jitwettqu.

JIENA ELIĠIBBLI BIEX NAPPLIKA?

Trid tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi KOLLHA li ġejjin sad-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet online:

1) Kundizzjonijiet ġenerali:

- Tkun tgawdi mid-drittijiet kollha bħala ċittadin ta' Stat Membru tal-UE
- Tkun wettaqt kull obbligu impost mil-liġijiet nazzjonali dwar is-servizz militari
- Tkun tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għall-kompiti kkonċernati

2) Kundizzjonijiet speċifiċi – lingwi:

Irid ikollok għarfien ta' **mill-inqas żewġ (2) lingwi uffiċjali tal-UE**; waħda minnhom b'minimu ta' livell C1 (għarfien profund) u l-oħra b'livell minimu ta' B2 (għarfien sodisfaċenti).

Ta' min wieħed jinnota li l-livelli minimi meħtieġa hawn fuq iridu japplikaw għal kull ħila lingwistika (it-taħdit, il-kitba, il-qari u s-smigħ) mitluba fil-formola tal-applikazzjoni. Dawn il-kapaċitajiet jirriflettu daww tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi: <https://rm.coe.int/CoERMPublicCommonSearchServices/DisplayDCTMContent?documentId=090000168045bb60>

F'dan l-Avviż ta' Kompetizzjoni nagħmlu referenza għal-lingwi bħala:

- Lingwa 1: il-lingwa użata għat-testijiet b'Għażliet Multipli bbażati fuq il-kompjuter
- Lingwa 2: il-lingwa użata għas-selezzjoni bbażata fuq il-kwalifiki (Talent Screener), u għaċ-ċentru ta' valutazzjoni. Din il-lingwa trid tkun differenti mil-lingwa 1.

Il-komunikazzjoni permezz tal-profil tal-EPPO bejn l-EPPO u l-kandidati li jkunu ssottomettew applikazzjoni valida se ssir f'waħda mil-lingwi li jkunu ddikjaraw fil-formola tal-applikazzjoni tagħhom fil-livell B2 jew ogħla.

Il-lingwa 2 trid tkun il-Franċiż jew l-Ingliż.

Din il-kompetizzjoni qed tiġi organizzata biex twieġeb għall-ħtiġijiet tad-DĠ AGRI. Abbażi tar-raġunijiet elenkati hawn taħt, il-kandidati magħżula reklutati fil-qasam tal-agrikoltura sostenibbli u l-iżvilupp rurali jrid ikollhom għarfien sodisfaċenti (livell minimu B2) tal-**Ingliż** jew il-**Franċiż**.

Id-diversi dipartimenti fid-DĠ AGRI l-iktar jużaw l-Ingliż jew il-Franċiż biex iwettqu xogħol analitiku, abbozzi ta' leġiżlazzjoni, rapporti u pubblikazzjonijiet, kif ukoll għal kompiti oħra, bħal daww elenkati fit-taqsim "Liema kompiti nista' nistenna li nwettaq?" u fl-Anness I. Meta jikkomunika ma' istituzzjonijiet oħra, id-DĠ AGRI juża wkoll dawn iż-żewġ lingwi fil-komunikazzjoni ewlenija. Bl-istess mod, dan huwa l-każ meta jkun hemm komunikazzjoni ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE, li huma pajjiżi li se jissiehu fl-UE, u partijiet ikkonċernati esterni.

Fid-dawl ta' dan, il-punti li ġejjin dwar il-lingwi użati mill-persunal tad-DĠ AGRI jenħtieġ li jiġu enfasizzati:

- L-Ingliż huwa l-lingwa ewlenija biex titwettaq ħidma analitika, għall-komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati esterni, u għall-abbozzar ta' pubblikazzjonijiet, rapporti u proposti leġiżlattivi. Il-persunal jabbozza wkoll sessjonijiet ta' informazzjoni u diskorsi l-aktar bl-Ingliż. Madankollu, il-Franċiż huwa fuq l-istess livell tal-Ingliż f'dak li għandu x'jaqşam mal-komunikazzjoni bejn il-persunal tad-DĠ AGRI, il-laqgħat interni jew is-sessjonijiet ta' taħriġ interni.
- Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-laqgħat organizzati mid-DĠ AGRI ma' partijiet ikkonċernati differenti (kunitati, gruppi ta' esperti, gruppi ta' dialogu ċivili) ħafna drabi jirrikjedu servizzi ta' interpretazzjoni, id-dokumenti użati huma abbozzati l-aktar bl-Ingliż; il-biċċa l-kbira tal-konferenzi jsiru bl-Ingliż, u naqra inqas bil-Franċiż.

- L-Ingliż u l-Franċiż huma l-lingwi użati f'konsultazzjonijiet ta' bejn is-servizzi u fi proċeduri ta' awditjar.
- Is-sessjonijiet ta' taħriġ interni għall-impjegati ġodda jsiru wkoll bl-Ingliż u bil-Franċiż.

Il-persunal jista' juża lingwi oħra barra l-Ingliż u l-Franċiż, pereżempju għal ħidma speċifika għall-pajjiż dwar il-fondi agrikoli, u l-għarfien ta' lingwi oħra jitqies bħala assi. Madankollu, il-kandidati ta' suċċess jeħtieġu għarfien tal-Ingliż jew il-Franċiż mill-inqas fil-livell B2 sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti msemmija fit-taqsimha rilevanti tal-Avviż u fl-Anness I u jkunu immedjatement operattivi wara r-reklutaġġ. Huwa għalhekk li l-Ingliż jew il-Franċiż għandhom jintużaw għas-selezzjoni bbażata fuq il-kwalifiki (Talent Screener), u għat-testijiet taċ-ċentru ta' valutazzjoni. Barra minn hekk, it-Talent Screener huwa suġġett għal valutazzjoni komparattiva mill-Bord tas-Selezzjoni, jintuża bħala dokument ta' referenza mill-Bord waqt l-intervista relatata mal-qasam fiċ-ċentru ta' valutazzjoni, u jintuża għal skopijiet ta' reklutaġġ jekk kandidat jirnexxi: huwa għalhekk fl-interess tas-servizz u tal-kandidati li t-Talent Screener jimtela bil-lingwa 2.

3) Kundizzjonijiet speċifiċi – kwalifiki u esperjenza ta' xogħol:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji kompluti ta' **mill-inqas tliet (3) snin** attestati minn diploma fix-xjenzi agrikoli, segwita minn **tal-anqas tliet (3) snin** esperjenza professjonali **relatata mal-qasam tal-kompetizzjoni** (agrikoltura sostenibbli, żvilupp rurali, forestrija, riżorsi naturali sostenibbli, ekonomija agrikola, swieq agrikoli u kummerċ),

jew

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji kompluti ta' **mill-inqas tliet (3) snin** attestati minn diploma għajr dik imsemmija hawn fuq, segwita minn **tal-anqas sitt (6) snin** esperjenza professjonali **relatata mal-qasam tal-kompetizzjoni** (agrikoltura sostenibbli, żvilupp rurali, forestrija, riżorsi naturali sostenibbli, ekonomija agrikola, swieq agrikoli u kummerċ).

Ara l-ANNESS IV għal eżempji ta' kwalifiki minimi

KIF SE NINTGĦAŻEL?

1) Il-proċess tal-applikazzjoni

Meta **timla l-applikazzjoni tiegħek**, se jkollok:

- tagħżel lingwa 1 u lingwa 2
 - lingwa 1 minn fost it-24 lingwa uffiċjali tal-UE; kif ukoll
 - lingwa 2 bejn l-Ingliż jew il-Franċiż.
- tikkonferma l-eliġibbiltà tiegħek għall-kompetizzjoni
- tipprovdi aktar informazzjoni **rilevanti għall-kompetizzjoni** (pereżempju: diplomi, esperjenza ta' xogħol, u tweġibiet għal mistoqsijiet speċifiċi għall-qasam (Talent Screener)).

Tista' tagħżel kwalunkwe waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE biex timla l-formola tal-applikazzjoni tiegħek, ħlief fit-taqsimha tat-**Talent Screener** li **trid timtela bil-lingwa 2 tiegħek**.

Meta tivvalida l-formola tal-applikazzjoni tiegħek tkun qed tiddikjara fuq l-unur tiegħek li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha msemmija fit-Taqsimha "Jien eliġibbli biex napplika?" Ladarba tkun ivvalidajt il-formola tal-applikazzjoni tiegħek, ma tkunx tista' tagħmel aktar tibdil. Hija r-responsabbiltà tiegħek li tara li timla u tivvalida l-applikazzjoni tiegħek **sal-iskadenza**.

2) Testijiet ta' Mistoqsijiet b'Għażla Multipla (MCQ) fuq il-kompjuter

Jekk in-numru ta' kandidati **jaqbeż ċertu limitu**, kif definit mid-direttur tal-EPPO li jaġixxi bħala l-Awtorità tal-Ħatra, il-kandidati kollha li jkunu vvalidaw il-formola tal-applikazzjoni tagħhom sal-iskadenza jkunu mistiedna jattendu sensjela ta' testijiet MCQ bil-kompjuter jew f'wieħed miċ-ċentri akkreditati tal-EPPO jew b'distanza.

Sakemm ma jkunx avżat mod ieħor, **trid tibbukja** appuntament għat-testijiet MCQ skont l-istruzzjonijiet mill-EPPO. Tipikament, tiġi offrut diversi dati li fihom inti tista' tagħmel it-testijiet, f'diversi postijiet. Il-perjodi tal-ibbukjar u l-ittestjar **ikunu limitati**.

Jekk in-numru ta' kandidati **jkun taħt il-limitu**, dawn it-testijiet minflok jiġu organizzati fiċ-ċentru ta' valutazzjoni (punt 5).

It-testijiet MCQ bil-kompjuter ikunu organizzati kif ġej:

Testijiet	Lingwa	Mistoqsijiet	Terminu	Immarkar	Marka minima meħtieġa
Raġunament verbali	Lingwa 1	20 mistoqsija	35 min	Minn 20	10/20
Raġunament numeriku	Lingwa 1	10 mistoqsijiet	20 min	Minn 10	Numeriku + astratt flimkien: 10/20
Raġunament astratt	Lingwa 1	10 mistoqsijiet	10 min	Minn 10	

Dawn it-testijiet huma eliminatorji u ma jgħaddx għat-testijiet l-oħrajn li jsiru fiċ-ċentru ta' valutazzjoni.

3) **Kontrolli tal-eliġibbiltà**

Ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà stabbiliti fit-Taqsima "Jien eliġibbli biex napplika?" hawn fuq se jiġu ċekkati mad-data pprovduta fl-applikazzjonijiet online tal-kandidati. L-EPPO jiċċekkja jekk tissodisfax il-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà filwaqt li l-Bord tas-Selezzjoni jivverifika l-konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi tal-eliġibbiltà taħt it-taqsimiet "Edukazzjoni u Taħriġ" u "Esperjenza Professjonali" tal-applikazzjoni online tal-kandidati, filwaqt li jitqiesu l-kompiti msemmija fl-Anness I.

Hemm żewġ xenarji possibbli:

- Jekk it-testijiet MCQ bil-kompjuter **jiġu organizzati minn qabel**, il-Bord tas-Selezzjoni jipproċedi bil-kontrolli tal-eliġibbiltà tal-files tal-kandidati li jkunu kisbu l-marki minimi meħtieġa fit-testijiet MCQ kollha, kif definit fl-Avviż tal-Kompetizzjoni, u f'ordni dioxendenti tal-marki rilevanti miksuba f'dawk it-testijiet. Il-files jiġu kkontrollati sakemm in-numru ta' kandidati eliġibbli jilħaq ċertu limitu, definit mid-direttur tal-EPPO li jaġixxi bħala Awtorità tal-Ħatra qabel l-ittestjar, u dawk il-kandidati biss jiġu mistiedna għall-istadij li jmiss tal-kompetizzjoni. Il-files l-oħrajn ma jiġux iċċekkati.
- Jekk it-testijiet MCQ bil-kompjuter **ma jiġux organizzati minn qabel**, il-files tal-kandidati kollha li jkunu vvalidaw l-applikazzjoni tagħhom sal-iskadenza jiġu ċekkati għall-eliġibbiltà.

4) **Selezzjoni bbażata fuq il-kwalifiki (Talent Screener)**

Sabiex il-Bord tas-Selezzjoni jkun jista' jagħmel valutazzjoni oġġettiva tal-merti komparattivi tal-kandidati kollha b'mod strutturat, il-kandidati kollha li japplikaw għall-istess kompetizzjoni jridu jwieġbu l-istess sett ta' mistoqsijiet fit-taqsima "Talent Screener" tal-formola ta' applikazzjoni bil-lingwa 2. Is-selezzjoni bbażata fuq il-kwalifiki ssir biss għal **dawk il-kandidati li jitqies li jkunu eliġibbli** kif deskritt hawn fuq fil-punt 3, bl-użu tal-informazzjoni pprovduta f'din it-Taqsima tat-Talent Screener **biss. Għalhekk trid tinkludi l-informazzjoni kollha rilevanti fit-tweġibiet tiegħek fit-Taqsima Talent Screener, anki jekk tkun diġà semmejtha f'taqsimiet oħra tal-formola tal-applikazzjoni tiegħek**. Il-mistoqsijiet huma bbażati fuq il-kriterji tas-selezzjoni inklużi f'dan l-avviż.

Ara l-ANNESS II għal-lista ta' kriterji.

Biex jagħmel is-selezzjoni fuq il-bażi tal-kwalifiki, il-bord tas-selezzjoni l-ewwel jassenja piż lil kull **kriterju tas-selezzjoni** li jirrifletti l-importanza relattiva tiegħu (minn 1 sa 3) u t-tweġibiet ta' kull kandidat jingħataw bejn 0 u 4 punti. Il-punti jiġu mbagħad immultiplikati bil-piż għal kull kriterju u magħduda flimkien sabiex jiġu identifikati dawk il-kandidati li l-profil tagħhom jaqblu l-aħjar il-kompiti li se jitwettqu.

Dawk il-kandidati li jkunu kisbu l-aħjar marki totali wara s-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki (Talent Screener) biss jgħaddu għall-istadju li jmiss.

5) Ċentru ta' valutazzjoni

Sa massimu ta' tliet (3) darbiet in-numru ta' kandidati ammessi jiġu mistiedna għal din il-fażi. Jekk tissodisfa r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà skont id-data fl-applikazzjoni online tiegħek u jekk għandek waħda mill-**ogħla marki totali** fis-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki, tiġi mistieden sabiex tagħmel għurata (1) jew iżjed f'ċentru ta' valutazzjoni (online jew personalment) fil-**lingwa 2** tiegħek. Jekk jogħġbok innota li l-istudju tal-każ u t-test bil-miktub fil-qasam jistgħu jiġu organizzati jew f'wiehied miċ-ċentri akkreditati tal-EPPO jew b'distanza. Aktar dettalji u struzzjonijiet se jiġu inklużi fl-ittra ta' stedina tiegħek.

Jekk it-testijiet MCQ bil-kompjuter deskritti fil-punt 2 **ma jkunux ġew organizzati minn qabel**, tagħmilhom waqt il-fażi ta' ċentru ta' valutazzjoni jew f'wiehied miċ-ċentri akkreditati tal-EPPO jew b'distanza. Dawn it-testijiet huma eliminattori u l-marki miksuba mhux se jkunu miżjudha mal-marki ta' testijiet oħra li jsiru fiċ-ċentru ta' valutazzjoni fil-kalkolu tal-punteġġ totali tiegħek.

Sakemm ma tkunx avżat mod ieħor, trid ittella' kopji skenjati tad-dokumenti ta' sostenn tiegħek fil-kont tal-EPPO tiegħek. Aktar dettalji u struzzjonijiet se jiġu inklużi fl-ittra ta' stedina tiegħek.

Fiċ-ċentru ta' valutazzjoni jiġu ttestjati tmien (8) kompetenzi ġenerali kif ukoll il-kompetenzi relatati mal-qasam meħtieġa għall-kompetizzjoni permezz ta' **ħames (5) testijiet** (intervista ġenerali bbażata fuq il-kompetenza, studju ta' każ, intervista bbażata fuq il-kompetenzi sitwazzjonali, intervista relatata mal-qasam u test bil-miktub fil-qasam) kif deskritt fil-matriċijiet li ġejjin:

Kompetenza	Testijiet	
1. Analiżi u soluzzjoni tal-problemi	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi sitwazzjonali	Studju ta' każ
2. Kommunikazzjoni	Studju ta' każ	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi ġenerali
3. Kwalità u riżultati	Studju ta' każ	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi ġenerali
4. Tagħlim u żvilupp	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi sitwazzjonali	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi ġenerali
5. Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi sitwazzjonali	Studju ta' każ
6. Reżiljenza	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi sitwazzjonali	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi ġenerali
7. Ħidma ma' oħrajn	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi sitwazzjonali	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi ġenerali
8. Tmexxija	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi sitwazzjonali	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi ġenerali

Marki minimi meħtieġa: 3/10 għal kull kompetenza u 40/80 b'kollox

Kompetenza	Test	Marka minima meħtieġa
Kompetenzi relatati mal-qasam	Intervista relatata mal-qasam	25/50
	Eżami bil-miktub fil-qasam	25/50

6) Lista ta' riżerva

Wara li jiċċekkja d-dokumenti ta' sostenn tal-kandidati vis-à-vis l-informazzjoni pprovduta fil-formola ta' applikazzjoni online tagħhom, il-Bord tas-Selezzjoni jistabbilixxi **lista ta' riżerva** – sakemm jintlaħaq l-għadd meħtieġ ta' kandidati li għaddew – minn dawk il-kandidati eliġibbli li jkunu kisbu l-marki minimi meħtieġa kollha kif ukoll l-ogħla marki wara ċ-ċentru ta' valutazzjoni. L-ismijiet jiġu elenkati f'ordni alfabetiku.

Il-listi ta' riżerva u l-passaporti ta' kompetenza, li jagħtu rispons kwalitattiv mill-Bord tas-Selezzjoni, tal-kandidati ta' suċċess ikunu disponibbli għall-istituzzjonijiet Ewropej fil-proċeduri ta' reklutaġġ u l-iżvilupp futur tal-karriera. L-inklużjoni f'lista ta' riżerva **ma tagħti l-ebda dritt jew garanzija li persuna tiġi rreklutata.**

OPPORTUNITAJIET INDAQS U AĠĠUSTAMENTI SPEĊJALI

L-EPPO jagħmel l-almu tiegħu biex jagħti opportunitajiet, trattament u aċċess ugwali lill-kandidati kollha.

Jekk għandek xi diżabbiltà jew kundizzjoni medika li tista' taffettwa l-abbiltà tiegħek li tagħmel it-testijiet, indika dan fl-applikazzjoni tiegħek u għarrafna bit-tip ta' aġġustamenti speċjali li għandek bżonn.

Skopri aktar dwar il-politika ta' opportunitajiet indaqs tagħna u l-proċedura biex titlob aġġustamenti speċjali fuq il-website tagħna (https://epso.europa.eu/how-to-apply/equal-opportunities_mt) u fir-Regoli Ġenerali annessi ma' dan l-avviż (taħt il-punt 1.3. Opportunitajiet indaqs u aġġustamenti speċjali).

META U FEJN NISTA' NAPPLIKA?

Sabiex tapplika, l-ewwel trid toħloq kont tal-EPPO. Kun af li tista' toħloq kont tal-EPPO wieħed biss għal kull applikazzjoni tal-EPPO.

Applika online fuq il-website tal-EPPO <http://jobs.eu-careers.eu> sa:

id-9 ta' Marzu 2021 f'12:00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell

ANNEX I

KOMPITI

L-uffiċjali reklutati jkunu mistennija jwettqu kompiti fil-qasam tal-agrikoltura sostenibbli u l-iżvilupp rurali (forestrija, riżorsi naturali sostenibbli, ekonomija agrikola, swieq agrikoli u kummerċ) bħal dawk deskritti hawn taħt:

- L-analiżi, l-interpretazzjoni u l-iżvilupp ta' politika u leġiżlazzjoni, u l-ġestjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti.
- L-eżami, in-negozjar u t-tnejja għall-approvazzjoni ta' programmi ta' żvilupp rurali/pjanijiet strateġiċi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom.
- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli u dwar il-biedja organika, it-tweqqif ta' analiżijiet preparatorji u l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-Istati Membri.
- In-negozjar, il-monitoraġġ u s-segwitu ta' ftehimiet kummerċjali bilaterali u multilaterali f'oqsma taħt ir-responsabbiltà tad-DG AGRI.
- L-analiżi u l-evalwazzjoni tas-swieq agrikoli u l-katini ta' provvista, u l-monitoraġġ tal-iżviluppi tas-suq u l-fatturi li jinfluwenzaw il-kompetittività tas-settur agrikolu tal-UE.
- L-għoti ta' prospettivi ta' politika u analiżi dwar suġġetti relatati mal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, li jikkontribwixxu għall-orjentazzjoni strateġika ġenerali u s-simplifikazzjoni tal-PAK.
- Il-kontribuzzjoni għal u/jew it-tnejjja ta' attivitajiet ta' evalwazzjoni dwar il-prestazzjoni u l-valur miżjud tal-UE ta' miżuri taħt ir-responsabbiltà tad-DG AGRI.
- L-assistenza lill-Istati Membri/l-awtoritajiet reġjonali u l-involvement mal-partijiet ikkonċernati fl-implimentazzjoni tal-PAK, it-titjib tal-prestazzjoni u l-koerenza tiegħu ma' politiki oħra tal-UE relatati ma' politika tal-ikel u tal-biedja sostenibbli kif previst mill-inizjattiva dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew.
- Ir-rappreżentanza tad-DG AGRI fi gruppi ta' ħidma tal-Kummissjoni, kunitati tal-UE, istituzzjonijiet tal-UE, organizzazzjonijiet u fora internazzjonali.

Tmiem l-ANNEX I, agħfas hawnhekk biex tmur lura għat-test prinċipali

ANNEX II

KRITERJI TAS-SELEZZJONI

Il-Bord tas-Selezzjoni se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin għas-selezzjoni bbażata fuq il-kwalifiki:

1. Lawrija (Master jew PhD) fil-qasam tax-xjenzi agrikoli, minbarra d-diploma meħtieġa għall-aċċess għall-kompetizzjoni (kif deskritt fit-taqsimha 3) **Kundizzjonijiet speċifiċi – kwalifiki u esperjenza professjonali** tal-Avviż dwar il-Kompetizzjoni).
2. Esperjenza professjonali fl-iżvilupp ta' politika u/jew leġiżlazzjoni fil-qasam tal-agrikoltura sostenibbli u l-iżvilupp rurali u/jew l-għoti ta' perspettivi ta' politika f'dik l-istess qasam.
3. Esperjenza professjonali fl-implimentazzjoni tal-politika u/jew il-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-agrikoltura sostenibbli u l-iżvilupp rurali.
4. Esperjenza professjonali fl-evalwazzjoni, il-monitoraġġ u/jew in-negozjar ta' programmi ta' żvilupp rurali.
5. Esperjenza professjonali fl-iżvilupp u/jew fin-negozjar ta' ftehimiet kummerċjali u/jew standards internazzjonali fil-qasam tal-agrikoltura sostenibbli u l-iżvilupp rurali.
6. Esperjenza professjonali fit-twettiq ta' analiżi ekonomika, soċjoekonomika u/jew politika fil-qasam tal-agrikoltura sostenibbli u l-iżvilupp rurali.
7. Esperjenza professjonali fit-twettiq ta' analiżi ekonomika ta' swieq agrikoli u katini ta' provvista u/jew monitoraġġ ta' żviluppi tas-suq u fatturi li jinfluwenzaw il-kompetittività tas-settur agrikolu tal-UE.
8. Esperjenza professjonali fit-twettiq ta' riċerka u/jew fl-abbozzar ta' dokumenti jew studji xjentifiċi fil-qasam tal-agrikoltura sostenibbli u l-iżvilupp rurali.
9. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni ta' azjenda agrikola jew impriża agrikola.

Tmien tal-ANNEX II, agħfas hawnhekk biex tmur lura għat-test prinċipali

ANNEX III

REGOLI ĠENERALI LI JIRREGOLAW IL-KOMPETIZZJONIJET ĠENERALI

INFORMAZZJONI ĠENERALI

Kull referenza, fil-qafas ta' proċeduri ta' selezzjoni organizzati mill-EPPO, għal persuna ta' ġeneru speċifiku trid tkun ikkunsidrata wkoll li tikkostitwixxi referenza għal persuna ta' ġeneru ieħor.

Jekk kandidati jiksbu l-istess marka għall-aħħar post disponibbli f'kull stadju tal-kompetizzjoni, dawn kollha jgħaddu għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjoni. Kull kandidat imdaħħal mill-ġdid wara appell b'suċċess jiġi mistieden għall-istadju li jmiss.

Jekk kandidati jkun kisu l-istess marka għall-aħħar post disponibbli fil-lista ta' riżerva, dawn jiġu inklużi kollha fil-lista ta' riżerva. Kull kandidat imdaħħal mill-ġdid wara appell b'suċċess f'dan l-istadju tal-proċedura jiżdied ukoll mal-lista ta' riżerva.

1. MIN JISTA' JAPPLIKA?

1.1. Il-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi

Il-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi (inkluż l-għarfien tal-lingwi) għal kull qasam jew profil huma indikati fit-Taqsima "Jien eliġibbli biex napplika?".

Il-kundizzjonijiet speċifiċi rigward il-kwalifiki, l-esperjenza professjonali u l-għarfien tal-lingwi jvarjaw skont il-profil mitlub. Fl-applikazzjoni tiegħek, jinħtieġ li tinkludi kemm jista' jkun informazzjoni dwar il-kwalifiki u l-esperjenza professjonali tiegħek (fejn meħtieġ) kif deskritt fit-Taqsima "Jien eliġibbli biex napplika?" ta' dan l-avviż **li hija rilevanti għall-kompiti**.

- (a) **Diplomi u/jew ċertifikati:** Diplomi, kemm jekk maħruġa f'pajjiżi tal-UE u kemm jekk le, iridu jiġu rikonoxxuti minn korp uffiċjali ta' Stat Membru tal-UE, pereżempju Ministeru tal-Edukazzjoni ta' Stat Membru tal-UE. F'dan ir-rigward, il-bord tas-selezzjoni jqis id-differenzi bejn is-sistemi tal-edukazzjoni.

Għall-edukazzjoni postsekondarja u taħriġ tekniku, professjonali jew speċjalizzat, indika s-suġġetti koperti, it-tul ta' żmien u jekk dan kien kors full-time, kors part-time jew kors ta' filgħaxija.

- (b) **L-esperjenza professjonali** (jekk meħtieġa), titqies biss jekk tkun rilevanti għall-funzjonijiet meħtieġa u:

- tikkostitwixxi xogħol ġenwin u effettiv;
- tkun imħallsa;
- tkun tinvolvi relazzjoni ta' subordinazzjoni jew il-forniment ta' servizz; kif ukoll
- tkun suġġetta għal dawn il-kundizzjonijiet:
 - **ħidma volontarja:** jekk imħallsa u tinvolvi ħinijiet fil-ġimgħa u tul bħal impjeg normali;
 - **apprendistati:** jekk imħallsa;
 - **servizz militari obbligatorju:** magħmul qabel jew wara d-diploma meħtieġa għal perjodu li ma jaqbix it-tul ta' żmien statutorju fl-Istat Membru tiegħek;
 - liv tal-maternità / tal-paternità / tal-adozzjoni: jekk kopert minn kuntratt ta' impjeg;
 - **dottorat:** għal perjodu massimu ta' tliet snin, bil-kundizzjoni li d-dottorat ikun effettivament inkiseb, u jekk ix-xogħol kien imħallas jew le; kif ukoll
 - **xogħol part-time:** ikkalkulat *pro rata* skont in-numru ta' sigħat maħduma, pereżempju half-time għal sitt xhur ikun jiswa daqs tliet xhur.

1.2. Dokumenti ta' sostenn

Fl-istadji differenti tal-proċedura tas-selezzjoni, ikollok tipprovdi dokument uffiċjali li juri ċ-ċittadinanza tiegħek (pereżempju passaport jew karta tal-identità) li jrid ikun validu fid-data tal-għeluq tal-applikazzjoni tiegħek (id-data tal-għeluq tal-ewwel parti tal-applikazzjoni tiegħek fil-każ ta' xenarju ta' applikazzjoni b'żewġ partijiet).

Il-perjodi kollha ta' attività professjonali jridu jkunu koperti minn oriġinali jew fotokopji ċċertifikati ta':

- **dokumenti minn impjegatur(i) fil-passat kif ukoll mill-impjegatur(i) attwali** li jiddikjaraw in-natura u l-livell tad-dmirijiet imwettqa, id-dati tal-bidu u tat-tmiem, it-timbru uffiċjali tal-kumpanija u l-isem u l-firma tal-persuna responsabbli; jew
- il-kuntratt(i) tax-xogħol flimkien mal-ewwel u l-aħħar irċevuta tal-paga, b'deskrizzjoni dettaljata tad-dmirijiet imwettqa;
- (għal xogħol mingħajr paga fissa pereżempju impjegat għal rasek jew professjonijiet liberali) **fatturi jew formoli ta' ordnijiet** li jiddeskrivu x-xogħol imwettaq jew kull dokument uffiċjali ta' prova ieħor rilevanti;
- (għall-interpreti ta' konferenzi, fejn l-esperjenza professjonali hija meħtieġa) dokumenti li **juru l-għadd ta' jiem, u l-lingwi interpretati** minn u lejn, relatati speċifikament mal-interpretazzjoni ta' konferenzi.

B'mod ġenerali, ma huma meħtieġa l-ebda dokumenti ta' prova sabiex tipprova l-għarfien tiegħek tal-lingwi, minbarra għal ċerti kompetizzjonijiet għal lingwisti jew speċjalisti.

Tista' tinalab informazzjoni jew dokumenti addizzjonali f'kull stadju tal-proċedura. L-EPPO jinfurmak liema dokumenti ta' sostenn għandek b'żonn tipprovdi u meta.

1.3. Opportunitajiet indaqs u aġġustamenti speċjali

Jekk għandek diżabbiltà jew kundizzjoni medika li tista' tfixxkel l-abbiltà tiegħek li tagħmel it-testijiet, indika dan fl-applikazzjoni tiegħek u għarrafna bit-tip ta' aġġustamenti speċjali li għandek b'żonn. Jekk diżabbiltà jew kundizzjoni tiżviluppa wara li tkun iinvalidajt l-applikazzjoni tiegħek, trid tinforma lill-EPPO malajr kemm jista' jkun billi tuża l-informazzjoni indikata hawn taħt.

Innota li jkollok tibgħat ċertifikat mill-awtorità nazzjonali tiegħek jew ċertifikat mediku lill-EPPO sabiex it-talba tiegħek tittieħed inkunsiderazzjoni. Id-dokumenti ta' sostenn tiegħek jiġu eżaminati, b'tali mod li l-akkomodazzjoni raġonevoli tista' ssir meta dan ikun meħtieġ.

Jekk tiltaqa' ma' xi kwistjonijiet ta' aċċessibiltà, jew jekk għandek b'żonn aktar informazzjoni, ikkuntattja t-tim tal-aċċessibiltà tal-EPPO bil-:

— posta elettronika (EPPO-accessibility@ec.europa.eu); jew

— posta:

European Personnel Selection Office (EPPO)
EPPO accessibility
Avenue de Cortenbergh/Kortenberglaan 25
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

2. MINN MIN NIĠI VVALUTAT?

Jiġi maħtur bord tas-selezzjoni biex iqabbel lill-kandidati u jagħżel l-aħjar fosthom fuq il-bażi tal-kompetenzi, il-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-avviż tal-kompetizzjoni. Il-membri tiegħu jiddeterminaw ukoll il-livell ta' diffikultà tat-testijiet tal-kompetizzjoni u japprovaw il-kontenut tagħhom abbażi tal-proposti magħmula mill-EPPO.

Sabiex tiġi garantita l-indipendenza tal-bord tas-selezzjoni, huwa strettament ipprobit għall-kandidati jew kull persuna barra mill-bord li tipprova tagħmel kuntatt ma' wiehied mill-membri tiegħu, ħlief fil-kuntest tat-testijiet li jeħtieġu interazzjoni diretta bejn il-kandidati u l-bord.

Il-kandidati li jixtiequ jesprimu l-fehma tagħhom jew jafferaw id-drittijiet tagħhom iridu jagħmlu dan bil-miktub, billi jindirizzaw il-korrispondenza għall-attenzjoni tal-bord tas-selezzjoni lill-EPPO, li mbagħad jgħaddiha lill-bord. L-interventi kollha diretti jew indiretti tal-kandidati li jsiru mingħajr ma jiġu segwiti dawn il-proċeduri huma pprojbiti u jistgħu jwasslu għall-esklużjoni mill-kompetizzjoni.

L-eżistenza ta' relazzjoni familjari jew rabta ġerarkika bejn kandidat u membru tal-bord tas-selezzjoni, b'mod partikolari, tagħti lok għal konflitt ta' interess. Il-bordijiet tas-selezzjoni huma mitluba jiddikjaraw kull sitwazzjoni bħal din lill-EPPO immedjatament meta jsiru jafu bihom. L-EPPO jevalwa kull każ individwalment u jieħu l-miżuri xierqa. In-nuqqas ta' rispett tar-regoli msemmija hawn fuq jista' jagħmel lill-membri tal-ġurija suġġetti għal azzjoni dixxiplinarja u jirriżulta fi skwalifika mill-kompetizzjoni għall-kandidati (ara t-Taqsima 4.4).

L-ismijiet tal-membri tal-ġurija huma ppubblikati fuq is-sit web tal-EPPO (www.eu-careers.eu) qabel il-bidu ta' ċentru/fażi ta' valutazzjoni.

3. KOMUNIKAZZJONI

3.1. Komunikazzjoni mal-EPPO

Jinħtieġ li tikkonsulta l-kont tal-EPPO tiegħek **tal-inqas darbtejn** fil-ġimgħa biex iżżomm kont tal-progress tiegħek matul il-kompetizzjoni. Jekk ma tkunx tista' tagħmel dan minħabba problema teknika min-naħa tal-EPPO, trid tinnotifika lill-EPPO immedjatament u esklussivament permezz tas-sit web tal-EPPO (https://epso.europa.eu/help_mt).

L-EPPO jirriżerva d-dritt li ma jagħtix informazzjoni li diġà hija ddikjarata b'mod ċar f'dan l-avviż tal-kompetizzjoni, fl-annessi tiegħu jew fis-sit web tal-EPPO inkluż fil-"mistoqsijiet li jsiru ta' spiss".

F'kull korrispondenza relatata ma' applikazzjoni, semmi **ismek** kif mogħti fil-kont EPPO tiegħek, in-**numru tal-applikazzjoni** tiegħek u n-**numru ta' referenza tal-proċedura tas-selezzjoni**.

L-EPPO japplika l-prinċipji tal-kodiċi ta' mgħiba amministrattiva tajba https://ec.europa.eu/info/about-european-union/principles-and-values/ethics-and-integrity/code-conduct-eu-staff_mt (kif ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali). Għaldaqstant, l-EPPO jirriserva d-dritt li jwaqqaf kull korrispondenza mhux xierqa (jiġifieri ripetittiva, abbużiva u/jew irrelevanti).

3.2. Aċċess għall-informazzjoni

Il-kandidati għandhom drittijiet speċifiċi ta' aċċess għal ċerta informazzjoni li tikkonċerna lilhom personali, mogħtija fid-dawl tal-obbligu ta' motivazzjoni, sabiex ikun jista' jsir appell kontra deċiżjoni ta' rifjut.

Dan l-obbligu ta' motivazzjoni jrid ikun ibbilanċjat mal-kunfidenzjalità tal-proċedimenti tal-bord tas-selezzjoni, li jiżgura l-indipendenza tal-bord u l-oġġettività tas-selezzjoni. Minħabba l-kunfidenzjalità, l-attitudnijiet adottati mill-membri tal-bordijiet tas-selezzjoni dwar il-valutazzjonijiet individwali jew komparattivi tal-kandidati ma jistgħux jiġu żvelati.

Dawn id-drittijiet ta' aċċess huma speċifiċi għall-kandidati f'kompetizzjoni ġenerali u l-leġislazzjoni dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tista' ma tagħtihomx drittijiet usa' minn dawk speċifikati f'din it-taqsima.

3.2.1. Żvelar awtomatiku

Se **tirċievi awtomatikament** l-informazzjoni li gejjja permezz tal-kont tiegħek tal-EPPO wara kull stadju tal-proċess ta' selezzjoni organizzat għal kompetizzjoni partikolari:

- **It-testijiet MCQ:** ir-riżultati tiegħek u tabella bit-tweġibiet tiegħek u t-tweġibiet korretti skont in-numru ta' referenza / l-ittra. L-aċċess għat-test tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet huwa eskluż espliċitament;
- **eliġibbiltà:** jekk gejttx ammess; jekk le, il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà li ma kinux issodisfati;
- **Talent Screener (Evalwatur tat-Talenti):** ir-riżultati tiegħek u tabella bil-piżijiet tal-mistoqsijiet, il-punti mogħtija għat-tweġibiet tiegħek u l-punteġġ totali tiegħek;
- **testijiet preliminari:** ir-riżultati tiegħek;
- **testijiet intermedji:** ir-riżultati tiegħek jekk ma tkunx fost il-kandidati mistiedna għall-fażi li jmiss;

- **fażi / ċentru ta' valutazzjoni:** jekk ma tkunx skwalifikat, il-passaport tal-kompetenza tiegħek li juri l-marki globali tiegħek għal kull kompetenza u l-kumment tal-bord tas-selezzjoni li jipprovdi rispons kwantitattiv u kwalitattiv dwar il-prestazzjoni tiegħek fiċ-ċentru / fil-fażi ta' valutazzjoni.

Bħala regola, l-EPPO ma jikkomunikax lil kandidati l-ebda testi sors jew eżerċizzji tat-test, peress li dawn huma intiżi biex jintużaw mill-ġdid f'kompetizzjonijiet futuri. Għal ċerti testijiet, madankollu, f'ċerti eżerċizzjonijiet ikun jista' jippubblika t-testi sors jew eżerċizzji fuq is-sit web tiegħu jekk:

- it-testijiet ikunu tlestew;
- ir-riżultati jkunu ġew stabbiliti u kkomunikati lill-kandidati; kif ukoll
- it-testi sors / l-eżerċizzji mhumix intiżi biex jintużaw mill-ġdid f'kompetizzjonijiet futuri.

3.2.2. Informazzjoni fuq talba

Tista' titlob kopja **mhux ikkoreġuta** tat-tweġibiet tiegħek fit-testijiet bil-miktub fejn il-kontenut **mhux maħsub biex jerġa' jintuża** f'kompetizzjonijiet futuri. Dan jinkludi b'mod espliċitu tweġibiet għal eżerċizzji tal-e-tray u studji ta' każijiet.

Il-karti tat-tweġibiet ikkoreġuti u d-dettalji tal-immarkar, b'mod partikolari, huma koperti mis-segretezza tal-proċedimenti tal-bord tas-selezzjoni u **ma jiġux żvelati**.

L-EPPO jagħmel l-almu tiegħu biex jagħmel l-iżjed informazzjoni possibbli disponibbli għall-kandidati kollha, skont l-obbligu ta' motivazzjoni, in-natura kunfidenzjali tal-proċedimenti tal-bord tas-selezzjoni u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali. It-talbiet kollha għall-informazzjoni jiġu evalwati fid-dawl ta' dawn l-obbligi.

Kull talba għal informazzjoni jinħtieġ li tkun mibgħuta permezz tas-sit web tal-EPPO (https://epso.europa.eu/help_mt) fi żmien għaxart (10) ijiem kalendarji mill-jum li fih ir-riżultati tiegħek jiġu ppubblikati fuq il-kont EPPO tiegħek.

4. ILMENTI U KWISTJONIJIET

4.1. Kwistjonijiet tekniċi u organizzattivi

Jekk, f'kull stadju tal-proċedura tas-selezzjoni, tiltaqa' ma' problema teknika jew organizzattiva serja, sabiex inkunu nistgħu ninvestigaw il-kwistjoni u nieħdu miżuri korrettivi, **informa lill-EPPO immedjatament** permezz tas-sit web tal-EPPO (https://epso.europa.eu/help_mt).

F'kull korrispondenza, indika **ismek** (kif mogħti fil-kont tal-EPPO tiegħek), in-**numru tal-applikazzjoni** tiegħek u n-**numru tal-proċedura tas-selezzjoni**.

Jekk il-problema sseħħ f'ċentru tat-testijiet:

- tavża lill-inviġilaturi immedjatament sabiex tkun tista' tiġi investigata soluzzjoni fiċ-ċentru nnifsu. F'kull każ, itlobhom jirreġistraw l-ilment tiegħek bil-miktub; kif ukoll
- ikkuntattja lill-EPPO mhux iktar tard minn tlett (3) ijiem kalendarji wara t-testijiet tiegħek permezz tas-sit web tal-EPPO (https://epso.europa.eu/help_mt) b'deskrizzjoni qasira tal-problema.

Għal **problemi li jseħħ barra miċ-ċentri tat-testijiet** (pereżempju prinċipalment dwar il-proċess tal-ibbukkar tat-test), segwi l-istruzzjonijiet fil-kont EPPO tiegħek u fuq is-sit web tal-EPPO jew ikkuntattja lill-EPPO minnufih permezz tas-sit web tal-EPPO (https://epso.europa.eu/help_mt).

Għal kwistjonijiet bl-applikazzjoni tiegħek, trid tikkuntattja lill-EPPO immedjatament u f'kull każ qabel l-iskadenza għall-applikazzjonijiet permezz tas-sit web tal-EPPO (https://epso.europa.eu/help_mt). Mistoqsijiet mibgħuta inqas minn ħamest (5) ijiem tax-xogħol qabel l-iskadenza għall-applikazzjonijiet jistgħu ma jitwegħbux qabel l-iskadenza.

4.2. Proċeduri ta' reviżjoni interna

4.2.1. Żball fil-mistoqsijiet b'għażla multipla bbażati fuq il-kompjuter (MCQs)

Il-bażi tad-data MCQ hija suġġetta għal kontroll ta' kwalità fil-fond permanenti mill-EPPO u l-bordijiet tas-selezzjoni.

Jekk temmen li żball f'waħda jew aktar MCQs affettwa l-abbiltà tiegħek li twieġeb, għandek id-dritt li titlob li l-mistoqsija/ijiet tiġi/jiġu rieżaminata/i mill-bord tas-selezzjoni (bil-proċedura ta' "newtralizzazzjoni").

Taħt din il-proċedura, il-bord tas-selezzjoni jista' jiddeċiedi li jannulla l-mistoqsija li fiha l-iżball u li jqassam il-punti mal-mistoqsijiet l-oħra tat-test. Dawk il-kandidati li jkunu rċevew din il-mistoqsija biss jiġu affettwati minn dan il-kalkolu mill-ġdid. L-immarkar tat-testijiet jibqa' kif imsemmi fit-taqsimiet rilevanti ta' dan l-avviż tal-kompetizzjoni.

L-arranġamenti għall-ilmenti dwar it-testijiet MCQs huma kif ġej:

- **proċedura:** ikkuntattja lil EPSO biss permezz tas-sit web tal-EPSO (https://epso.europa.eu/help_mt);
- **il-lingwa:** fil-Lingwa 2 li għażilt għall-kompetizzjoni inkwistjoni;
- **data ta' skadenza:** fi żmien **tlit (3) ijiem kalendarji** mid-data tat-testijiet tiegħek ibbażati fuq il-kompjuter;
- **tagħrif addizzjonali:** iddeskrivi fuq iex kienet il-mistoqsija (il-kontenut) sabiex tiġi/jiġu identifikata/i l-mistoqsija/ijiet ikkonċernata/i, u spjega n-natura tal-iżball allegat b'mod ċar kemm jista' jkun.

Ma jiġux ikkunsidrati t-talbiet li jaslu wara l-iskadenza, jew li ma jiddeskrivux b'mod ċar il-mistoqsija(ijiet) ikkontestata/i u l-allegat żball.

B'mod partikolari, l-ilmenti li jindikaw biss allegati problemi ta' traduzzjoni, u li ma jispeċifikawx b'mod ċar il-problema, ma jiġux ikkunsidrati.

L-istess proċedura ta' eżami mill-ġdid tapplika fir-rigward ta' żbalji fl-eżerċizzju tal-e-tray.

4.2.2. Talbiet għal rieżami

Tista' titlob rieżami ta' kull **deċiżjoni** meħuda mill-bord tas-selezzjoni jew mill-EPSO li tistabbilixxi r-riżultati tiegħek u/jew tiddetermina jekk tistax tipproċedi għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjoni jew tiġix eskluż.

It-talbiet għal rieżami jistgħu jkunu bbażati fuq:

- irregolarità materjali fil-proċess tal-kompetizzjoni; u/jew
- nuqqas ta' konformità, mill-bord tas-selezzjoni jew l-EPSO, mar-Regolamenti tal-Persunal, l-avviż tal-kompetizzjoni, l-annessi tiegħu u/jew il-ġurisprudenza.

Innota li ma tistax tikkontesta l-validità tal-valutazzjoni tal-bord tas-selezzjoni dwar il-kwalità tal-ħidma tiegħek fit-test jew ir-rilevanza tal-kwalifiki u l-esperjenza professjonali tiegħek. Din il-valutazzjoni hija ġudizzju ta' valur magħmul mill-bord u jekk ma taqbilx ma' din l-evalwazzjoni tat-testijiet, l-esperjenza u/jew il-kwalifiki tiegħek ma jfissirx li hija għamel żball. It-talbiet għal rieżami ppreżentati fuq din il-bażi ma jwasslux għal riżultat pożittiv.

L-arranġamenti għal talbiet għal rieżami huma kif ġej:

- **proċedura:** ikkuntattja lil EPSO biss permezz tas-sit web tal-EPSO (https://epso.europa.eu/help_mt);
- **il-lingwa:** fil-Lingwa 2 li għażilt għall-kompetizzjoni inkwistjoni;
- **data ta' skadenza:** fi żmien **għaxart (10) ijiem kalendarji** mid-data li fiha d-deċiżjoni kkontestata ġiet ippubblikata fil-kont EPSO tiegħek;
- **tagħrif addizzjonali:** indika b'mod ċar id-deċiżjoni li tixtieq tikkontesta, u fuq liema bażi.

It-talbiet li jaslu wara l-iskadenza ma jiġux ikkunsidrati.

Tirċievi rikonoxximent tal-irċevuta fi żmien 15-il jum tax-xogħol. Il-korp li ħa d-deċiżjoni kkontestata (jew il-bord tas-selezzjoni jew l-EPSO) janalizza u jiddeċiedi dwar it-talba tiegħek u tirċievi tweġiba motivata malajr kemm jista' jkun.

Jekk ir-riżultat ikun pożittiv, terġa' tiddaħħal fil-proċess tas-selezzjoni fl-istadju li fih ġejt eskluż, irrispettivament minn kemm imxiet il-kompetizzjoni sadanittant.

4.3. Forom oħra ta' kontestazzjoni

4.3.1. Ilmenti amministrattivi

Bħala kandidat f'kompetizzjoni ġenerali, għandek id-dritt li tindirizza lment amministrattiv lid-Direttur tal-EPPO bħala l-awtorità tal-ħatra.

Tista' tippreżenta lment kontra deċiżjoni, jew in-nuqqas tagħha, li direttament u immedjatament taffettwa l-istatus legali tiegħek bħala kandidat, biss jekk ir-regoli li jirregolaw il-proċedura tas-selezzjoni ġew miksura b'mod ċar. **Id-Direttur tal-EPPO ma jistax ibiddel għażiż ta' valur magħmul minn bord tas-selezzjoni** (ara t-Taqsim 4.2.2).

L-arranġamenti għal ilmenti amministrattivi huma kif ġej:

- **proċedura:** ikkuntattja lil EPPO biss permezz tas-sit web tal-EPPO (https://epso.europa.eu/help_mt);
- **il-lingwa:** fil-Lingwa 2 li għażilt għall-kompetizzjoni inkwistjoni;
- **data ta' skadenza:** fi żmien **tliet xhur** min-notifika tad-deċiżjoni kkontestata jew mid-data li fiha d-deċiżjoni suppost saret;
- **tagħrif addizzjonali:** indika b'mod ċar id-deċiżjoni li tixtieq tikkontesta, u fuq liema bażi.

It-talbiet li jaslu wara l-iskadenza ma jiġux ikkunsidrati.

4.3.2. Appelli għażiżi

Bħala kandidat f'kompetizzjoni ġenerali, għandek id-dritt tippreżenta appell għażiż lill-Qorti Ġenerali, skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Innota li l-appelli kontra d-deċiżjonijiet meħuda mill-EPPO minflok milli mill-bord tas-selezzjoni ma jkunux ammissibbli quddiem il-Qorti Ġenerali biss jekk ikun ippreżentat ilment amministrattiv skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal (ara t-Taqsim 4.3.1). B'mod partikolari, dan huwa l-każ bid-deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-kriterji ġenerali tal-eliġibbiltà, li huma meħuda mill-EPPO u mhux mill-bord tal-għażla.

L-arranġamenti għal appelli għażiżi huma kif ġej:

- **proċedura:** ikkonsulta l-websajt tal-Qorti Ġenerali (<http://curia.europa.eu/jcms/>).

4.3.3. L-Ombudsman Ewropew

Iċ-ċittadini u r-residenti kollha tal-UE jistgħu jippreżentaw ilment lill-Ombudsman Ewropew.

Qabel ma tippreżenta lment lill-Ombudsman, l-ewwel trid tiegħu l-passi amministrattivi xierqa mal-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati (ara t-Taqsimiet 4.1-4.3).

L-ilment lill-Ombudsman ma jestendix l-iskadenzi għat-tressiq ta' lmenti jew appelli għażiżi amministrattivi.

L-arranġamenti għall-ilmenti lill-Ombudsman huma kif ġej:

- **proċedura:** ikkonsulta l-websajt tal-Ombudsman Ewropew (<http://www.ombudsman.europa.eu/>).

4.4. Skwalifika mill-proċedura ta' selezzjoni

Tista' tiġi skwalifikat f'kull stadju ta' proċedura tas-selezzjoni jekk l-EPPO jiskopri li int:

- ħloqt iktar minn kont tal-EPPO wieħed;
- applikajt għal oqsma jew profili inkompatibbli;
- ma tissodisfax il-kundizzjonijiet kollha ta' eliġibbiltà;

- għamilt dikjarazzjonijiet foloz jew dikjarazzjonijiet mhux sostnuti minn dokumenti xierqa;
- ma bbukkajtx jew ma għamiltx wieħed jew iżjed mit-testijiet tiegħek;
- qarraqt waqt it-testijiet;
- ma ddikjarajtx fil-formola ta' applikazzjoni tiegħek il-lingwi meħtieġa f'dan l-Avviż ta' Kompetizzjoni, jew ma ddikjarajtx il-livell(i) minimu/i meħtieġ(a) għal dawn il-lingwi;
- ippruvajt tikkuntattja membru tal-bord tas-selezzjoni b'mod mhux awtorizzat;
- inqast milli tinnotifika lill-EPPO b'possibilità ta' kunflitt ta' interess ma' membru tal-bord tas-selezzjoni;
- b'għat l-applikazzjoni tiegħek b'lingwa differenti minn dik/dawk speċifikati fl-avviż tal-kompetizzjoni (jistgħu jsiru konċessjonijiet rigward l-użu ta' lingwa oħra uffiċjali għal nomi proprji, titoli uffiċjali u titoli tal-impjieg kif indikat fid-dokumenti ta' sostenn jew tikketti/titoli ta' diplomi); u/jew
- iffirmajt jew ktibt marka distintiva fuq testijiet immarkati b'mod anonimu bil-miktub jew prattiċi.

Il-kandidati għar-reklutaġġ mill-istituzzjonijiet tal-UE jridu juru l-ogħla livell possibbli ta' integrità. Il-frodi jew it-tentattivi ta' frodi jistgħu jsewponuk għal penaltajiet u jippreġudikaw l-eliġibbiltà tiegħek għal kompetizzjonijiet futuri.

Tmiem tal-ANNESS III, agħfas hawnhekk biex tmur lura għat-test prinċipali

EŻEMPJI TA' KWALIFIKI MINIMI SKONT L-ISTAT MEMBRU U L-GRAD LI, FIL-PRINĊIPJU, JIKKORRISPONDU GĦAL DAWK MITLUBA MILL-AVVIŻI TA' KOMPETIZZJONIJIET

Ikklikkja hawn għal verżjoni li tinqara faċilment ta' dawn l-eżempji

STAT MEMBRU	Minn AST-SC 1 sa AST-SC 6 Minn AST 1 sa AST 7	Minn AST 3 sa AST 11	Minn AD 5 sa AD 16	
	Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post-sekondarja)	Edukazzjoni post-sekondarja (kors post-sekondarju iżda mhux universitarju jew kors universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni universitarja (li tieħu mill-anqas tliet snin)	Edukazzjoni universitarja (erba' snin jew aktar)
Belgique — België — Belgien	Certificat de l'enseignement secondaire supérieur (CESS)/Diploma secundair onderwijs Diplôme d'aptitude à accéder à l'enseignement supérieur (DAES)/Getuigschrift van hoger secundair onderwijs Diplôme d'enseignement professionnel/Getuigschrift van het beroepssecundair onderwijs	Candidature/Kandidaat Graduat/Gegradueerde Bachelor/Professioneel gerichte Bachelor	Bachelor académique (180 crédits) Academisch gerichte Bachelor (180 ECTS)	Licence/Licentiaat Master Diplôme d'études approfondies (DEA) Diplôme d'études spécialisées (DES) Diplôme d'études supérieures spécialisées (DESS) Gediplomeerde in de Voortgezette Studies (GVS) Gediplomeerde in de Gespecialiseerde Studies (GGS) Gediplomeerde in de Aanvullende Studies (GAS) Agrégation/Aggregaat Ingénieur industriel/Industrieel ingenieur Doctorat/Doctoraal diploma
България	Диплома за завършено средно образование	Специалист по ...		Диплома за висше образование Бакалавър Магистър

STAT MEMBRU	Minn AST-SC 1 sa AST-SC 6 Minn AST 1 sa AST 7	Minn AST 3 sa AST 11	Minn AD 5 sa AD 16	
	Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post-sekondarja)	Edukazzjoni post-sekondarja (kurs post-sekondarju iżda mhux universitarju jew kurs universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni universitarja (li tieħu mill-anqas tliet snin)	Edukazzjoni universitarja (erba' snin jew aktar)
Česká republika	Vysvědčení o maturitní zkoušce	Vysvědčení o absolutoriu (Absolutorium) + diplomovaný specialista (DiS.)	Diplom o ukončení bakalářského studia (Bakalář)	Diplom o ukončení vysokoškolského studia Magistr Doktor
Danmark	Bevis for: Studentereksamen Højere Forberedelseksamen (HF) Højere Handelseksamen (HHX) Højere Afgangseksamen (HA) Bac pro: Bevis for Højere Teknisk Eksamen (HTX)	Videregående uddannelser = Bevis for = Eksamensbevis som (erhvervsakademiuddannelse AK)	Bachelorgrad (BA eller BS) Professionsbachelorgrad Diplomingeniør	Kandidatgrad/Candidatus Master/Magistergrad (mag.art) Licenciatgrad ph.d.-grad
Deutschland	Abitur/Zeugnis der allgemeinen Hochschulreife Fachabitur/Zeugnis der Fachhochschulreife		Fachhochschulabschluss Bachelor	Hochschulabschluss/ Fachhochschulabschluss/ Master Magister Artium/Magistra Artium Staatsexamen/Diplom Erstes Juristisches Staatsexamen Doktorgrad

STAT MEMBRU	Minn AST-SC 1 sa AST-SC 6 Minn AST 1 sa AST 7	Minn AST 3 sa AST 11	Minn AD 5 sa AD 16	
	Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post-sekondarja)	Edukazzjoni post-sekondarja (kurs post-sekondarju iżda mhux universitarju jew kurs universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni universitarja (li tieħu mill-anqas tliet snin)	Edukazzjoni universitarja (erba' snin jew aktar)
Eesti	Gümnaasiumi lõputunnistus + riigieksamitunnistus Lõputunnistus kutsekeskhariduse omandamise kohta	Tunnistus keskhariduse baasil kutsekeskhariduse omandamise kohta	Bakalaureusekraad (min 120 ainepunkti) Bakalaureusekraad (< 160 ainepunkti)	Rakenduskõrghariduse diplom Bakalaureusekraad (160 ainepunkti) Magistrikraad Arstikraad Hambaarstikraad Loomaarstikraad Filosoofiadoktor Doktorikraad (120–160 ainepunkti)
Éire/Ireland	Ardteistiméireacht, Grád D3, I 5 ábhar/Leaving Certificate Grade D3 in 5 subjects Gairmchlár na hArdteistiméireachta (GCAT)/Leaving Certificate Vocational Programme (LCVP)	Teastas Náisiúnta/National Certificate Gnáthchéim bhaitsiléara/Ordinary bachelor degree Dioplóma náisiúnta (ND, Dip.)/National diploma (ND, Dip.) Ardteastas (120 ECTS)/Higher Certificate (120 ECTS)	Céim onóracha bhaitsiléara (3 bliana/180 ECTS) (BA, B.Sc, B. Eng)/Honours bachelor degree (3 years/180 ECTS) (BA, B.Sc, B.Eng)	Céim onóracha bhaitsiléara (4 bliana/240 ECTS)/Honours bachelor degree (4 years/240 ECTS) Céim ollscoile/University degree Céim mháistir (60-120 ECTS)/Master's degree (60-120 ECTS) Dochtúireacht/Doctorate

STAT MEMBRU	Minn AST-SC 1 sa AST-SC 6 Minn AST 1 sa AST 7	Minn AST 3 sa AST 11	Minn AD 5 sa AD 16	
	Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post-sekondarja)	Edukazzjoni post-sekondarja (kurs post-sekondarju iżda mhux universitarju jew kurs universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni universitarja (li tieħu mill-anqas tliet snin)	Edukazzjoni universitarja (erba' snin jew aktar)
Ελλάδα	Απολυτήριο Γενικού Λυκείου Απολυτήριο Τεχνικού Επαγγελματικού Λυκείου Απολυτήριο Ενιαίου Πολυκλαδικού Λυκείου Απολυτήριο Ενιαίου Λυκείου Απολυτήριο Τεχνολογικού Επαγγελματικού Εκπαιδευτηρίου	Δίπλωμα επαγγελματικής κατάρτισης (IEK)		Πτυχίο ΑΕΙ (πανεπιστημίου, πολυτεχνείου, ΤΕΙ) Μεταπτυχιακό Δίπλωμα Ειδικευσης (2ος κύκλος) Διδακτορικό Δίπλωμα (3ος κύκλος)
España	Bachillerato + Curso de Orientación Universitaria (COU) Bachillerato BUP Diploma de Técnico especialista	FP grado superior (Técnico superior)	Diplomado/Ingeniero técnico	Licenciatura Máster Ingeniero Título de Doctor

STAT MEMBRU	Minn AST-SC 1 sa AST-SC 6 Minn AST 1 sa AST 7	Minn AST 3 sa AST 11	Minn AD 5 sa AD 16	
	Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post-sekondarja)	Edukazzjoni post-sekondarja (kurs post-sekondarju iżda mhux universitarju jew kurs universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni universitarja (li tieħu mill-anqas tliet snin)	Edukazzjoni universitarja (erba' snin jew aktar)
France	Baccalauréat Diplôme d'accès aux études universitaires (DAEU) Brevet de technicien	Diplôme d'études universitaires générales (DEUG) Brevet de technicien supérieur (BTS) Diplôme universitaire de technologie (DUT) Diplôme d'études universitaires scientifiques et techniques (DEUST)	Licence	Maîtrise Maîtrise des sciences et techniques (MST), maîtrise des sciences de gestion (MSG), diplôme d'études supérieures techniques (DEST), diplôme de recherche technologique (DRT), diplôme d'études supérieures spécialisées (DESS), diplôme d'études approfondies (DEA), master 1, master 2 professionnel, master 2 recherche Diplôme des grandes écoles Diplôme d'ingénieur Doctorat
Hrvatska	Svjedodžba o državnoj maturi Svjedodžba o završnom ispitu	Stručni pristupnik/pristupnica	Baccalaureus/Baccalaurea (sveučilišni prvostupnik/prvostupnica)	Baccalaureus/Baccalaurea (sveučilišni prvostupnik/prvostupnica) Stručni specijalist Magistar struke Magistar inženjer/magistrice inženjerka (mag. ing) Doktor struke Doktor umjetnosti

STAT MEMBRU	Minn AST-SC 1 sa AST-SC 6 Minn AST 1 sa AST 7	Minn AST 3 sa AST 11	Minn AD 5 sa AD 16	
	Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post-sekondarja)	Edukazzjoni post-sekondarja (kurs post-sekondarju iżda mhux universitarju jew kurs universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni universitarja (li tieħu mill-anqas tliet snin)	Edukazzjoni universitarja (erba' snin jew aktar)
Italia	Diploma di maturità (vecchio ordinamento) Perito ragioniere Diploma di superamento dell'esame di Stato conclusivo dei corsi di studio di istruzione secondaria superiore	Diploma universitario (DU) Certificato di specializzazione tecnica superiore Attestato di competenza (4 semestri)	Diploma di laurea – L (breve)	Diploma di laurea (DL) Laurea specialistica (LS) Master di I livello Dottorato di ricerca (DR)
Κύπρος	Απολυτήριο	Δίπλωμα = Programmes offered by Public/Private Schools of Higher Education (for the latter accreditation is compulsory) Higher Diploma		Πανεπιστημιακό Πτυχίο/Bachelor Master Doctorat
Latvija	Atestāts par vispārējo vidējo izglītību Diploms par profesionālo vidējo izglītību	Diploms par pirmā līmeņa profesionālo augstāko izglītību	Bakalaura diploms (min. 120 kredītpunktu)	Bakalaura diploms (160 kredītpunktu) Profesionālā bakalaura diploms Maģistra diploms Profesionālā maģistra diploms Doktora grāds

STAT MEMBRU	Minn AST-SC 1 sa AST-SC 6 Minn AST 1 sa AST 7	Minn AST 3 sa AST 11	Minn AD 5 sa AD 16	
	Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post-sekondarja)	Edukazzjoni post-sekondarja (kors post-sekondarju iżda mhux universitarju jew kors universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni universitarja (li tieħu mill-anqas tliet snin)	Edukazzjoni universitarja (erba' snin jew aktar)
Lietuva	Brandos atestatas	Aukštojo mokslo diplomas Aukštesniojo mokslo diplomas	Profesinio bakalauro diplomas Aukštojo mokslo diplomas	Aukštojo mokslo diplomas Bakalauro diplomas Magistro diplomas Daktaro diplomas Meno licenciato diplomas
Luxembourg	Diplôme de fin d'études secondaires et techniques	BTS Brevet de maîtrise Brevet de technicien supérieur Diplôme de premier cycle universitaire (DPCU) Diplôme universitaire de technologie (DUT)	Bachelor Diplôme d'ingénieur technicien	Master Diplôme d'ingénieur industriel DESS en droit européen
Magyarország	Gimnáziumi érettségi bizonyítvány Szakközépiskolai érettségi-képesítő bizonyítvány	Felsőfokú szakképesítést igazoló bizonyítvány (Higher Vocational Programme)	Főiskolai oklevél Alapfokozat (Bachelor degree 180 credits)	Egyetemi oklevél Alapfokozat (Bachelor degree 240 credits) Mesterfokozat (Master degree) (Osztatlan mesterképzés) Doktori fokozat

STAT MEMBRU	Minn AST-SC 1 sa AST-SC 6 Minn AST 1 sa AST 7	Minn AST 3 sa AST 11	Minn AD 5 sa AD 16	
	Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post-sekondarja)	Edukazzjoni post-sekondarja (kurs post-sekondarju iżda mhux universitarju jew kurs universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni universitarja (li tieħu mill-anqas tliet snin)	Edukazzjoni universitarja (erba' snin jew aktar)
Malta	Advanced Matriculation or GCE Advanced level in 3 subjects (2 of them grade C or higher) Matriculation certificate (2 subjects at Advanced level and 4 at Intermediate level including Systems of Knowledge with overall grade A-C) + Passes in the Secondary Education Certificate examination at Grade 5 2 A Levels (passes A-C) + a number of subjects at Ordinary level, or equivalent	MCAST diplomas/certificates Higher National Diploma	Bachelor's degree	Bachelor's degree Master of Arts Doctorate
Nederland	Diploma VWO Diploma staatsexamen (2 diploma's) Diploma staatsexamen voorbereidend wetenschappelijk onderwijs (Diploma staatsexamen VWO) Diploma staatsexamen hoger algemeen voortgezet onderwijs (Diploma staatsexamen HAVO)	Kandidaatsexamen Associate degree (AD)	Bachelor (WO) HBO bachelor degree Baccalaureus of "Ingenieur"	HBO/WO Master's degree Doctoraal examen/Doctoraat

STAT MEMBRU	Minn AST-SC 1 sa AST-SC 6 Minn AST 1 sa AST 7	Minn AST 3 sa AST 11	Minn AD 5 sa AD 16	
	Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post-sekondarja)	Edukazzjoni post-sekondarja (kurs post-sekondarju iżda mhux universitarju jew kurs universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni universitarja (li tieħu mill-anqas tliet snin)	Edukazzjoni universitarja (erba' snin jew aktar)
Österreich	Matura/Reifeprüfung Reife- und Diplomprüfung Berufsreifeprüfung	Kollegdiplom/ Akademiediplom	Fachhochschuldiplom/ Bakkalaureus/Bakkalaurea	Universitätsdiplom Fachhochschuldiplom Magister/Magistra Master Diplomprüfung, Diplom-Ingenieur Magisterprüfungszeugnis Rigorosenzeugnis Dokortitel
Polska	Świadectwo dojrzałości Świadectwo ukończenia liceum ogólnokształcącego	Dyplom ukończenia kolegium nauczycielskiego Świadectwo ukończenia szkoły policealnej	Licencjat/Inżynier	Magister/Magister inżynier Dyplom doktora
Portugal	Diploma de Ensino Secundário Certificado de Habilitações do Ensino Secundário		Bacharel Licenciado	Licenciado Mestre Doutorado

STAT MEMBRU	Minn AST-SC 1 sa AST-SC 6 Minn AST 1 sa AST 7	Minn AST 3 sa AST 11	Minn AD 5 sa AD 16	
	Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post-sekondarja)	Edukazzjoni post-sekondarja (kurs post-sekondarju iżda mhux universitarju jew kurs universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni universitarja (li tieħu mill-anqas tliet snin)	Edukazzjoni universitarja (erba' snin jew aktar)
România	Diplomă de bacalaureat	Diplomă de absolvire (colegiu universitar) Învățământ preuniversitar	Diplomă de licență	Diplomă de licență Diplomă de inginer Diplomă de urbanist Diplomă de master Certificat de atestare (studii academice postuniversitare) Diplomă de doctor
Slovenija	Maturitetno spričevalo (spričevalo o poklicni maturi) (spričevalo o zaključnem izpitu)	Diploma višje strokovne šole	Diploma o pridobljeni visoki strokovni izobrazbi	Univerzitetna diploma Magisterij Specializacija Doktorat
Slovensko	Vysvedčenie o maturitnej skúške	Absolventský diplom	Diplom o ukončení bakalárskeho štúdia (Bakalár)	Diplom o ukončení vysokoškolského štúdia Bakalár (Bc.) Magister Magister/Inžinier ArtD.

STAT MEMBRU	Minn AST-SC 1 sa AST-SC 6 Minn AST 1 sa AST 7	Minn AST 3 sa AST 11	Minn AD 5 sa AD 16	
	Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post-sekondarja)	Edukazzjoni post-sekondarja (kurs post-sekondarju iżda mhux universitarju jew kurs universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn)	Edukazzjoni universitarja (li tieħu mill-anqas tliet snin)	Edukazzjoni universitarja (erba' snin jew aktar)
Suomi/Finland	Ylioppilastutkinto tai peruskoulu + kolmen vuoden ammatillinen koulutus – Studentexamen eller grundskola + treårig yrkesinriktad utbildning Todistus yhdistelmäopinnoista (Betyg över kombinationsstudier)	Ammatillinen opistoasteen tutkinto – Yrkesexamen på institutnivå	Kandidaatin tutkinto – Kandidatexamen/ Ammattikorkeakoulututkinto – Yrkeshögskoleexamen (min. 120 opintoviikkoa – studieveckor)	Maisterin tutkinto – Magisterexamen/ Ammattikorkeakoulututkinto – Yrkeshögskoleexamen (min. 160 opintoviikkoa – studieveckor) Tohtorin tutkinto (Doktorsexamen) joko 4 vuotta tai 2 vuotta lisensiaatin tutkinnon jälkeen – antingen 4 år eller 2 år efter licentiatexamen Lisensiaatti/Licentiat
Sverige	Slutbetyg från gymnasieskolan (3-årig gymnasial utbildning)	Högskoleexamen (80 poäng) Högskoleexamen, 2 år, 120 högskolepoäng Yrkeshögskoleexamen/Kvalificerad yrkeshögskoleexamen, 1–3 år	Kandidatexamen (akademisk examen omfattande minst 120 poäng, varav 60 poäng fördjupade studier i ett ämne + uppsats motsvarande 10 poäng) Meriter på grundnivå: Kandidatexamen, 3 år, 180 högskolepoäng (Bachelor)	Magisterexamen (akademisk examen omfattande minst 160 poäng, varav 80 poäng fördjupade studier i ett ämne + uppsats motsvarande 20 poäng eller två uppsatser motsvarande 10 poäng vardera) — Licentiatexamen — Doktorsexamen Meriter på avancerad nivå: — Magisterexamen, 1 år, 60 högskolepoäng — Masterexamen, 2 år, 120 högskolepoäng Meriter på forskarnivå: — Licentiatexamen, 2 år, 120 högskolepoäng — Doktorsexamen, 4 år, 240 högskolepoäng

Tmiem tal-ANNESS IV, agħfas hawnhekk biex tmur lura għat-test prinċipali

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT